

Il-Ħamis 30 ta' Novembru 2017

P8\_TA(2017)0455

**Mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex jiġu indirizzati t-theddidiet kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul tar-rifuġjati u tas-sigurtà**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Novembru 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex jiġu indirizzati t-theddidiet kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul tar-rifuġjati u tas-sigurtà (COM(2017)0271 – C8-0163/2017 – 2017/2077(BUD))**

(2018/C 356/37)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0271 – C8-0163/2017),
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 <sup>(1)</sup> (ir-Regolament dwar il-QFP) u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-punt 12 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, li l-Kummissjoni adottat fid-29 ta' Ġunju 2017 (COM(2017)0400), kif emendat bl-Ittra emendatorja Nru 1/2018 (COM(2017)0615),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, adottata mill-Kunsill fl-4 ta' Settembru 2017, u li ntbagħtet lill-Parlament fit-13 ta' Settembru 2017 (11815/2017 – C8-0313/2017),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali għall-2018 <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fit-18 ta' Novembru 2017 (14587/17 – C8-0416/2017),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0370/2017),
- A. billi, wara li ġew eżaminati l-possibilitajiet kollha għar-riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn taħt l-intestatura 3 (*Sigurtà u ċittadinanza*), jidher li hemm bżonn li jiġi mobilizzat l-Istrument ta' Flessibilità għall-appropriazzjonijiet ta' impenn;
- B. billi l-Kummissjoni kienet ipproponiet il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità bl-ammont ta' EUR 817,1 miljun biex tissupplimenta l-finanzjament fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2018 lil hinn mil-limitu massimu tal-intestatura 3, bl-għan li tiffinanzja miżuri fil-qasam tal-migrazzjoni, id-dħul tar-rifuġjati u t-theddid għas-sigurtà;
- C. billi l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni kkonvokat għall-baġit 2018 qabel dwar mobilizzazzjoni ulterjuri ta' EUR 20,2 miljun bħala riżultat ta' tisħiħ fl-intestatura 3;

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.<sup>(2)</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.<sup>(3)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2017)0408

**Il-Ħamis 30 ta' Novembru 2017**

1. Jinnota li l-limiti massimi għall-2018 għall-intestatura 3 ma jippermettux finanzjament xieraq ta' miżuri urġenti fil-qasam tal-migrazzjoni, id-dħul tar-rifuġjati u t-theddid għas-sigurtà;
  2. Jaqbel, għalhekk, li l-Istrument ta' Flessibilità jiġi mobilizzat għal ammont ta' EUR 837,2 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn;
  3. Jaqbel, barra minn hekk, mal-allokazzjoni proposta tal-appropriazzjonijiet ta' pagament korrispondenti ta' EUR 464 miljun fl-2018, EUR 212,7 miljun fl-2019, EUR 126,4 miljun fl-2020 u EUR 34,2 miljun fl-2021;
  4. Itenni li l-mobilizzazzjoni ta' dan l-istrument, kif previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-QFP, tindika għal darb'oħra l-bżonn kruċjali ta' aktar flessibilità fil-baġit tal-Unjoni;
  5. Itenni l-opinjoni li ilu jħaddan li l-pagamenti li ġejjin minn impenji mobilizzati preċedentement permezz tal-Istrument ta' Flessibilità, jistgħu jingħaddu biss lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP;
  6. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
  7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
  8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
-

Il-Ħamis 30 ta' Novembru 2017

## ANNEX

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex jiġu indirizzati it-theddidiet kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul tar-rifuġjati u tas-sigurtà**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni (UE) 2018/8.)*

---